

Brussell, 24 ta' Frar 2023
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2023/0043(NLE)

6848/23
ADD 1

COASI 47
ASIE 20
POLMAR 9

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	23 ta' Frar 2023
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2023) 92 final Annex
Suġġett:	ANNEX tal-Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Konġunt stabbilit mill-Ftehim Qafas ta' Sħubija u Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Filippini, min-naħa l-oħra fir-rigward tal-adozzjoni ta' deċiżjoni dwar it-twaqqif ta' Sottokumitat dwar il-Kooperazzjoni Marittima

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2023) 92 final Annex.

Mehmuż: COM(2023) 92 final Annex



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 23.2.2023
COM(2023) 92 final

ANNEX

ANNEX

tal-

Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Komitat Konġunt stabbilit mill-Ftehim Qafas ta' Sħubija u Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Filippini, min-naħa l-oħra fir-rigward tal-adozzjoni ta' deċiżjoni dwar it-twaqqif ta' Sottokomitat dwar il-Kooperazzjoni Marittima

ANNEX

Id-Deċiżjoni Nru [1]/2023 tal-Kumitat Konġunt UE-Filippini dwar l-istabbiliment tas-Sottokumitat dwar il-Kooperazzjoni Marittima u li tadotta t-termini ta' referenza rispettivi

IL-KUMITAT KONĠUNT UE-FILIPPINI,

Wara li kkunsidra l-Ftehim Qafas dwar Sħubija u Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Filippini, min-naħa l-oħra (minn hawn 'il quddiem il-“Ftehim”), u b'mod partikolari l-Artikolu 48(3) tiegħu,

Billi:

- (1) Il-Ftehim Qafas ta' Sħubija u Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika tal-Filippini, min-naħa l-oħra, (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ “il-Ftehim”), ġie konkluż mill-Unjoni bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/2414 tal-25 ta' Settembru 2017¹ u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Marzu 2018.
- (2) L-Artikolu 48(3) tal-Ftehim jipprevedi li l-Kumitat Konġunt jista' jistabbilixxi sottokumitati speċjalizzati li jistgħu jgħinuh fit-twettiq tal-kompiti u d-dmirijiet tiegħu u jista' jiddeċiedi li jistabbilixxi kwalunkwe sottokumitat speċjalizzat ieħor (bħas-Sottokumitat dwar il-Kooperazzjoni Marittima) jew korp li jista' jassistih fit-twettiq ta' dmirijietu, u għandu jiddetermina l-kompożizzjoni u d-dmirijiet ta' tali kumitati jew korpi u kif jiffunzjonaw.
- (3) Sabiex jippermettu diskussjonijiet fil-livell ta' esperti dwar l-oqsma ewlenin li jaqgħu fl-ambitu tal-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim, għandhom jiġu stabbiliti s-sottokumitati.
- (4) Il-Kumitat Konġunt stabbilixxa lista ta' sottokumitati u adotta t-termini ta' referenza tagħhom bid-Deċiżjoni tiegħu Nru 2 [2020/02] tat-28 ta' Jannar 2020.
- (5) B'aktar qbil tal-Partijiet kemm il-lista ta' sottokumitati kif ukoll l-ambitu tas-sottokumitati individwali jistgħu jiġu modifikati.
- (6) Skont l-Artikolu 8(2) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kumitat Konġunt, il-Kumitat Konġunt jista' jieħu deċiżjonijiet permezz ta' proċedura bil-miktub jekk iż-żewġ Partijiet jaqblu li jsir hekk.
- (7) L-istabbiliment ta' Sottokumitat speċjalizzat ġdid dwar il-Kooperazzjoni Marittima jiffaċilita djalogu ddedikat dwar l-aspetti kollha tal-kooperazzjoni marittima bejn l-UE u l-Filippini u jippromwovi l-implimentazzjoni effettiva tal-programmi ta' kooperazzjoni marittima bejn il-Filippini u l-UE.
- (8) Jenħtieġ li t-termini ta' referenza stabbiliti fl-Anness B tad-Deċiżjoni Nru 2 [2020/02] tat-28 ta' Jannar 2020 tal-Kumitat Konġunt japplikaw ukoll għas-Sottokumitat dwar il-Kooperazzjoni Marittima mat-twaqqif tiegħu.
- (9) Sabiex dan is-sottokumitat isir operattiv fil-ħin, jeħtieġ li din id-Deċiżjoni tiġi adottata permezz ta' proċedura bil-miktub,

¹ ĠU L343, 22.12.2017, p. 1.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu Uniku

1. Is-Sottokumitat dwar il-Kooperazzjoni Marittima huwa b'dan stabbilit.
2. Il-lista ta' sottokumitati kif stabbilita fl-Anness A tad-Deċiżjoni Nru 2 [2020/02] tat-28 ta' Jannar 2020 tal-Kumitat Konġunt hija b'dan emendata kif stabbilit fl-Anness għal din id-deċiżjoni.
3. It-termini ta' referenza stabbiliti fl-Anness B tad-Deċiżjoni Nru 2 [2020/02] tat-28 ta' Jannar 2020 tal-Kumitat Konġunt għandhom japplikaw ukoll għas-Sottokumitat dwar il-Kooperazzjoni Marittima mat-twaqqif tiegħu.

Magħmul fi _____,

*Għall-Kumitat Konġunt UE-Filippini
Il-President*

...

Anness

II-Kumitat Konġunt UE-Filippini Sottokumitati Speċjalizzati

Sottokumitat dwar il-Kooperazzjoni għall-Iżvilupp

Sottokumitat dwar il-Kummerċ, l-Investment u l-Kooperazzjoni Ekonomika

Sottokumitat dwar il-Governanza Tajba, l-Istat tad-Dritt, u d-Drittijiet tal-Bniedem

Sottokumitat dwar il-Kooperazzjoni Marittima